**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 04 ta' Jannar, 2021**

**Mandat Nru: 1267/2020/1 AF**

**360 Retail Supplies Limited (C64900)**

**vs**

**Maged Fawzy Shokry Iskandar u**
**Houam Yakoub Mesak Ghbryal**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' 360 Retail Supplies Limited li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti zzomm lil Maged Fawzy Shokry Iskandar u martu Houam Yakoub Mesak Ghbryal milli jiddisponu jew jghabbu b'xi piz il-villa (3), Villa Kasana, fi Triq il-Virdun, gia Triq Regionali, Kappara, limiti ta' San Gwann.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-riposta tal-intimati.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors li thalla sabiex jigi degretat *in camera*.

Rat l-Art 874 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u kkunsidrat kif konsistentement interpretat minn dawn il-Qrati.

Irreferiet partikolarment ghall-insenjament ta' dawn il-Qrati kif dedott fil-provvediment ta' din il-Qorti fil-proceduri Lidl Immobiliare Malta Limited vs Qamar u Xemx Limited (3 ta' April, 2019).

Il-Kreditur f'dawn il-proceduri qed jittenta jikkawtela pretensjoni tieghu dedotta f'kawza pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, liema pretensjoni giet valutata ghall-fini tal-mandat fl-ammont ta' €16,000. Ma ngabet lil din il-Qorti ebda raguni twassalha biex tichad it-talba ghall-hrug tal-mandat galadarba r-rekwiziti tal-ligi jinsabu sodisfatti.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' definittivament it-talba ta' 360 Retail Supplies Limited kif dedotta fir-rikors taghha tat-18 ta' Settembru, 2020.

Il-Qorti tidderiegi lir-Regstratur jeffettwa d-debita registrazzjoni tal-mandat skond il-ligi.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza fil-mertu.

IMHALLEF